# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IT-28 TA' JANNAR 2021

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Gur. 358/2020 RGM**

**Maestro Joseph Gatt**

**vs.**

**Oliver Nani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat ta' Maestro Joseph Gatt**ipprezentat fis-27 ta' Mejju, 2020 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Ottubru, 1978 (Dokument $ASD_1$) l-esponenti dahal ghal ftehim ma' dak iz-zmien l-Maestro Paul Nani.

2. Illi fl-imsemmija skrittura gie stabbilit fost l-ohrajn li l-esponenti qieghed jigi mahtur l-ewwel "successor, administrator and proprietor of the "Nani Cappella" flok l-imsemmi kompjant Nani, t-tieni li "in virtue of this nomination, he is now held responsible for all performances of the NANI's compositions during liturgical services in churches wherever the NANI's music is requested or performed", it-tielet li "Maestro Joseph Gatt remains the one and only responsible to perform the NANI's compositions of church music through the liturgical services in Malta and Gozo".

3. Illi sussegwentement ghal dan l-imsemmi kompjant Maestro Paul Nani ghadda permezz ta' kuntratt pubbliku datat 26 ta' Settembru 1984 fl-atti tan-nutar pubbliku Anthony Attard (Dokument $ASD_2$) ghadda fl-arkivji tal-Katidral tal-Mdina "a collection of original musical compositions of the said Emanuele, Agostino, Vincenzo, conditions the musical compositions included in the Collection may be performed shall rest wholly and exclusively with the said donor."

4. Illi mill-17 ta' Ottubru 1978 u cioe' minn meta giet ffirmata l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija l-esponenti daqq u zamm mat-termini tal-istess fis-shih.

5. Illi dan huwa maghruf u rikonoxxut u dan jidher anki minn dak li nkiteb fosthom minn Joseph Vella Bondin dwar Paul Nani meta a pag 5 huwa jghid hekk "In the mean time he had taken steps to choose the musician whom he judged had sufficient talent to take over its management. His Choice was Mro. Joseph Gatt. A talented composer in his own right and a sensitive conductor. Gatt has successfully striven to keep alive the proud achievements of the Nani dynasty." (Dokument ASD3) Kif ukoll kif jidher fil-ktieb "Il-Muzika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Ghoxrin" fejn jinghad "Min-naha l-ohra , Paul Nani ddecieda li l-arkivju muzikali tal-Familja Nani kellu jghaddih lill-Muzew tal-Katidral fejn hemm ikkonservat il-prodott ta' l-aqwa kompozituri Maltin. Kellu jahseb ukoll dwar lil min jghaddi l-Kappella Nani. Sa fl-ahhar, l-ghazla waqghet fuq Joseph Gatt (t.1950), student, fost ohrajn, ta' Carmelo Scerri fl-orgni u l-kant Gregorjan ta' Carmelo Pace u Charles Zammit fl-armonja, kontrapont u komposizzjoni u ta' Paul Nani stess fid-direzzjoni u vuci. Wiret il-Kappella f'Ottubru ta l-1978 u fost il-komposizzjonijiet liturgici tieghu hemm s-salm Lauda Jerusalem (1987) u l-Missa solemnis in re minore (1980)." Pagna 124 (Dokument ASD4)

6. Illi l-intimat huwa d-dixxendent dirett tal-familja Nani billi missieru Anton Nani jigi iben l-mejjet Mro. Paul Nani.

Raguni.

7. Illi z-zmien ghaddej u l-esponenti jrid jassigura li d-drittijiet tieghu jibqghu jigu rikonoxxuti u ghalhekk qieghed jressaq dawn l-proceduri.

Talbiet.

Jghid l-konvenut ghaliex ghalhekk din l-Qorti ma ghandhiex

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-kondizzjonijiet u stipulazzjonijiet kif kontenuti fl-iskrittura privata tas-17 ta' Ottubru 1978 bejn l-attur u l-immsemi kompjant Mr. Paolo Nani ghadhom veljanti.

2. tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement li dawn ghadhom u ser jibqu operanti ghaz-zmien li gej.

3. tiddikjara u tiddeciedi li l-attur huwa s-successur, amministratur u proprjetarju tan- “Nani Cappella” b’dak kollu hemm stabbilit.

Bl-ispejjes l-konvenut mharrek ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat u ma pprezentax risposta guramentata. Minflok fil-25 ta' Novembru 2020 deher fir-registru tal-Qorti u quddiem id-Deputat Registratur Rose Marie Vella halef nota ta' ammissjoni tat-talbiet attrici liema nota giet ipprezentata fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2020.

Rat l-atti.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat illi in vista tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-konvenut il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex it-talbiet attrici m'ghandhomx jigu akkolti.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fuq ammissjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara li l-kondizzjonijiet u stipulazzjonijiet kif kontenuti fl-iskrittura privata tas-17 ta' Ottubru 1978 bejn l-attur u l-immsemi kompjant Mr. Paolo Nani ghadhom veljanti.

2. Tiddikjara li dawn ghadhom u ser jibqghu operanti ghaz-zmien li gej.

3. Tiddikjara li l-attur huwa s-successur, amministratur u proprjetarju tan-"Nani Cappella" b'dak kollu hemm stabbilit fl-iskrittura imsemmija.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**